**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cremona**
**V**

**VINCENT ZAMMIT**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VINCENT ZAMMIT** ta' tmienja w tletin sena bin Joseph u Evelyn nee Grioli, imwieled Bormla nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1961, li joqghod 'Rachmar', Triq il-Hamrija, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita numru 106161M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn l-ewwel ta' Awissu, 1999 u l-ahhar ta' Settembru, 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed milli tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi w in

konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, rcieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda ta' rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili ohra jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom hu ma kellux jedd.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' April, 2001, fejn l-istess Avukat Generali dehrlu li mill-kompilazzjoni tista tinstab htija jew htijiet kontra l-imputat u fin-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat il-Qorti kellha tiddeciedi fuq il-kaz fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha ta' Gunju, 2001, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti b’mod sommarju.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u lix-xhieda tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li Vincent Zammit, l-imputat odjern, impjegat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, talab somma flus lil certa Antonia Attard Gialanze sabiex jqatta xi files li hija kellha l-inkwiet dwarhom mal-istess Korporazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Antonia Attard Gialanze tixhed fis-seduta tat-tlettax ta' Marzu, 2000** fejn stqarret li certu Joseph Gauci u l-imputat kienu marru jaghmlu spezzjoni fil-fond taghha sabiex jivverfikaw jekk il-meter li kellha fil-fond taghha l-Kalkara, kienx qed jirregistra l-konsum. Huma ghalhekk ghamlu dawn il-verifiki u qalulha li kien hemm *stopped meter*. L-imputat, tramite t-telefon, qalilha li kellha kaz ghal Qorti. Allega li hija kienet qed timla l-bowser bl-ilma tal-vit u hija wegbitu li dan ma setghax kien ghaliex kellha ricevuti tal-bowsers. Hija inkwetat hafna u sussegwentement hu mar fil-hanut taghha f'Bormla u qalilha li jekk riedet tirranga setghet taghtih mitejn lira u huwa jgib il-file relattiv taghha mill-Korporazzjoni u jqattghu quddiemha. Hdejha kien hemm ohtha u bintha u hija rrispondietu '*ara x'inti tghid !'* Minnufih hija qaltlu li ma kienetx lesta taghmel dan u li kienet ser tirrappurtah.

**Joanne Agius, oht Antonia Attard Gialanze wkoll xehdet dakinhar** fejn stqarret li waqt li kienu fil-hanut ta' ohtha f'Bormla, kienu gew l-imputat u xi ufficjal iehor li kienu ghamlu xi checking fis-sistema tal-ilma tad-dar ta' Antonia Attard Gialanze u qalulha li ohtha, b'referenza ghal Antonia Attard Gialanze, kellha xi trouble peress li kellha xi kont kbir tal-ilma.  Hija qaltu li ohtha ma kienetx hemm pero dakinhar stess ghall-habta tat-tlieta jew l-erbgha reggha mar wahdu u qalilha li kien lest li jirrangalha kollox basta taghtih mitejn lira u hu jgib il-file u jqattghu quddiemha.  Hija, u cioe ix-xhud Joanne Agius, wegbitu li ohtha Antonia Attard Gialanze ma kellhix minn x'hiex tibza peress li kellha l-ircevuti tal-bowsers.  Hija kkonfermat wkoll li dan id-diskors sar fil-presenza tan-neputija taghha u cioe bint Antonia Attard Gialanze.

Kemm Antonia Attard Gialanze kif wkoll Joanne Agius gew mistoqsija b'mod separat jekk setghax kien il-kaz li l-imputat talabha l-flus biex jhallas lil Korporazzjoni dak allegatament dovut u l-kaz kien jispicca hemm, t-tnejn wiegbu b'certezza li l-flus riedhom ghalih ghaliex fil-fatt qal li kien ser jqatta l-file taghha quddiemha.

Illi **nhar d-disgha ta' Awissu, 2000 xehed Anthony Bonello,** rappresentant tal-Water Services Corporation, fejn stqarr li l-imputat Vincent Zammit huwa *public officer* u rcieva n-nomina tieghu mill-Ufficju tal-Prim Ministru kif jirrizulta mid-dokument CSH 3 esibit a fol 93 tal-atti odjerni, fejn jidher indikat bhala *Enforcement Inspector*.

**Emanuel Cumbo, Senior Administrator mal-Korporazzjoni xehed** w kkonferma li kien hemm file miftuh dwar r-residenza ta' Antonia Attard Gialanze fil-Kalkara fuq rapport ta' allegat abbuz ta' ilma u ghalhekk saret l-ispezzjoni relattiva mill-membri tal-Korporazzjoni.

Illi l-imputat rrilaxxja zewg stqarrijiet wahda nhar il-hmistax ta' Dicembru, 1999 li hija mmarkata bhala dokument RC 1 u l-ohra nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru, 1999 markata bhala dokument RC 2.

Minn ezami tad-dokument RC 1 jirrizulta li l-imputat ammetta li verament ghamel spezzjoni fil-fond ta' Antonia Attard Gialanze fil-Kalkara minhabba rapport dwar allegat abbuz ta' ilma. Zied jghid pero li wara li saret l-ispezzjoni spicca jiekol maghha u ma John

Gauci, impjegat iehor tal-Korporazzjoni fil-lukanda Cerviola. Mistoqsi jekk semmiex xi haga dwar tqattih ta' files ta' Antonia Attard Gialanze huwa wiegeb fin-negattiv; anzi qal li kellha kollox sew. Innega li kien semma xi flejjes w kkonferma li dakinhar pero kien xorob xi erbgha drinks Jack Daniels u li kienet Antonia Attard Gialanze li halset ghal ikel.

Fl-istqarrija markata bhala dokument RC 2 a fol 15, l-imputat jaghti aktar dettalji dwar il-fatti. Jikkonferma li huwa kien mar fil-hanut ta' Antonia Attard Gialanze filghaxija wahdu, u qabel ma mar kien cemplilha u kellimha fuq t-telefon. Ikkonferma li xtaq jkellimha dwar l-ispezzjoni li kien ghamel u cioe li xtaq jirrangalha. Qal wkoll li xtaq jkellimha fuq il-"file tal-pool". Meta mar ghandha, fil-presenza ta' ohtha u bintha, qalilha li kienu ser jibghatu xi multi fuq il-pool tal-Kalkara u staqsiha quddiem ohtha, jekk rieditx tirranga billi taqbad mitt lira u taghtihomlu biex jirranga. Ammetta li qalilha li kellhom ricevuti tal-vjaggi tal-bowsers. Ammetta wkoll li l-flus riedhom ghalih. Huwa temm l-istqarrija tieghu billi qal li jiddispjacih talli ghamel u li qatt qabel ma kien ghamel hekk.

Illi ma hemmx dubbju li dawn iz-zewg stqarrijiet ittiehdu b'mod regolari skond il-ligi u cioe li nghata s-solita twissija qabel, kif anke kkonfermat mill-Ispettur Raymond Cremona, PS 130 Ivan Cilia u PC 274 Saviour Gauci.

**Meta xehed il-Qorti, l-imputat ta t-tielet versjoni** ta' kif allegatament graw il-fatti u cioe li meta mar ghand Antonia Attard Gialanze u qalilha dwar il-meter wieqaf qalilha li setghet tehel stima ta' bejn mija u mitejn lira maltin. Huwa spjiega li kien irrilaxxja t-tieni stqarrija markata bhala dokument RC 2 fl-atti, minhabba l-fatt li ommu kienet mietet w il-Pulizija baghtu ghalih l-ghada tal-funeral u ghalhekk kien qed jhossu konfuz. Huwa pero ammetta li kien talabha flus pero mhux ghalih pero bhala stima tal-meter li kien wieqaf.

Ma hemmx dubbju li din il-kawza tittratta principalment fuq kredibilita tax-xhieda, u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputat qed jghid il-verita jew

mhux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettix.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud. Dan ghaliex tkun ghexet il-process tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi *viva voce*, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' xhieda, tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li qed jixhed, tara fi ftit kliem, jekk dak li qed jghid x-xhud ghandhux verament mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat pero huwa minnu wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** u cioe:

"*Conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.  Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita.   Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat.  Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**,

> "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahajr prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-Qorti ghalhekk ghamlet apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Jirrizulta bla dubbju ta' xejn li x-xhieda ta' Antonia Attard Gialanze kif korroborata minn ohtha Joanne Agius, hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Hija kienet attendibbli u konsistenti f'dak li qalet sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument li hija marret ghand l-avukat u qaltlu bl-ilment taghha.  L-ittra tal-avukat taghha esibita a fol 11 tal-atti markata bhala dokument RC 2 datata erbgha ta' Novembru, 1999, tikkonferma li t-talba li allegatament ghamel l-imputat kienet ta' mitejn lira maltin.

Illi l-imputat minn naha l-ohra ma hux kredibbli f'dak li qal ghaliex fil-fatt biddel il-versjoni tieghu tlett darbiet.  Dwar jekk talabiex xi flus fl-ewwel stqarrija markata bhala dokument RC 1 jichad li talabha flus, fl-istqarrija markata bhala dokument RC 2, jghid li talabha flus ghalih u viva voce l-Qorti qal li talabha flus izda mhux ghalih imma bhala stima ta' dak dovut lil Korporazzjoni.

Illi l-imputat qatt ma cahad li mar jkellimha fil-presenza ta' ohtha, peress li l-ewwel jghid li ma semma xejn dwar il-fatt izda mar jkellimha minhabba xi pilloli li kellha bzonn ommu u wara jghid li mar jkellimha dwar l-istima tal-Korporazzjoni.

Il-Qorti thoss li l-imputat kien inkonsistenti hafna f'dak li qal u jhalli dubbju serju f'mohh il-gudikant dwar x'kredibilita ghandha taghtih. Il-Qorti hija konvinta bl'applikazzjoni tal-bon sens taghha li ma kienx qed jghid il-verita.

Il-Qorti rat li l-imputat huwa principalment akkuzat bir-reat kif kontenut fl-artikolu 115 tal-Kap u cioe korruzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Marzu, 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v omissis Charles Attard**. F'din is-sentenza gie ritenut bhala premessa fondamentali ghas-sustanza ta' dan r-reat, l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jippreciza li jkun hemm r-reat ta' korruzzjoni meta kwalunkwe ufficjal jew impjegat pubbliku, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda jew xi

offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom ma jkollux jedd u jippreciza in oltre li tali abbuz irid jkun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.

Infatti fis-sentenza moghtija ***fit-tnejn ta' Mejju, 1995*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Demicoli**, gie rilevat li dan r-reat ta' korruzjoni ghandu erbgha elementi basici li ghandhom jigu ilkoll ppruvati u cioe:

a. in-nautra ufficjali jew pubblika tal-impjieg tal-imputat;
b. li l-imputat jircievi jew jaccetta flus, jew xi rigal jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond l-ligi;
c. li dan ikun sar in konnessjoni mal-istess kariga jew impjieg; u
d. li l-iskop ikun li l-imputat jaghmel jew ma jaghmilx d-dmir tieghu.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Sant** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Dicembru, 1997***, gie deciz li d-delitt jigi kommess mill-ufficjal pubbliku appena

huwa jaccetta l-offerta indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu ghamilx dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel jew naqasx milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.

Illi dan l-artikolu ta' korruzzjoni fil-fehma ta' din l-Qorti japplika biss meta ikun hemm persuna li ppruvat tikkorompi ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga tieghu u mhux meta ikun l-ufficjal pubbliku stess li jitlob flus meta ma jkunx intitolat ghalihom. F'dan il-kaz jirrizulta li l-persuna li giet mitluba l-flus irrappurtat hi stess l-kaz lil pulizija u ghalhekk kemm l-artikolu 115 kif wkoll l-artikolu 116 ma japplikawx ghal kaz in ezami u ghalhekk, minn din l-akkuza ta' korruzjoni kif kontemplata fl-artikoli 115 u 116, il-Qorti qed tilliberah minnha.

Illi l-imputat gie akkuzat wkoll b'dak li jiddisponi l-artikolu 112 tal-Kap 9 u cioe li ufficjal pubbliku jesigi flus kontra l-ligi. F'dan id-delitt irid jigi ppruvat li l-ufficjal pubbliku, taht il-kariga tal-libsa tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix.

Il-Qorti thoss li dan hu ezattament dak li ghamel l-imputat u cioe li esiga s-somma ta' mitejn lira maltin minghand Antonia Attard Gialanze, sabiex iqattalha l-file taghha mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, liema korporazzjoni kienet timpjegah bhala Senior Inspector. Ma hemmx dubbju ghalhekk li din l-akkuza tirrizulta ppruvata u l-Qorti ssibu hati taghha.

Il-Qorti qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz b'mod partikolari li l-imputat ghandu fedina penali netta u minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat; li l-ammont involut kien zghir u cioe dak ta' mitejn lira maltin u li Antonia Attard Gialanze ma tilfet l-ebda flejjes jew drittijiet taghha .

Pero minn naha l-ohra qisiet l-import tar-reat u cioe li kaz bhal dan jattakka l-fiducja tal-amministrazzjoni u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc meta tigi biex tapplika l-piena bejn d-drittijiet tal-imputat u dawk tas-socjeta.

Il-Qorti pero xorta thoss li l-kaz huwa wiehed serju molto piu meta tqis li l-imputat huwa ufficjal pubbliku u huwa dover tieghu li

jimpedixxi dawn t-tipi ta' reati. Dan nonostante il-Qorti, gharragunijiet fuq imsemmija ma thoss li l-piena karcerarja effettiva ghandha tkun il-piena idoneja.

**Ghalhekk il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 112, 115, 116, 119, 121, 31, 20, 22, 533 u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi billi tikkundanna lil imputat VINCENT ZAMMIT ghal piena karcerja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In segwitu bhala konsegwenza, ai termini tal-artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna il-piena ta' interdizzjoni generali temporanja tieghu ghal perjodu ta' hames snin mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-periti jew esperti nominati f'dan il-kaz, il-Qorti rat li tul din il-kumpilazzjoni ma kienx hemm talba ghan-nomina ta' espert u ghalhekk din t-talba qed tigi michuda.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car s-sinifikat ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**